- *Ordni li fih għandhom jiġu trattati l-eċċezzjonijiet*
- *Siwi ta' patt deregatorja għall-kompetenza*
- *Brussels I (Recast) Regulation*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 203/2023 GM**

**Chadborn Holdings Ltd, numru ta' reġistrazzjoni 109010, soċjeta` estera reġistrata ġewwa Seychelles**

**vs**

**Tipico Co Ltd (C34286)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Chadborn Holdings Limited, li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Is-soċjeta` attrici, Chadborn Holdings Limited, illum il-ġurnata għandha d-drittijijet, sehmiet u interessi kollha tal-kumpannija Ploutos Gmbh, numru ta' reġistrazzjoni 310407G soċjeta` estera reġistrata ġewwa l-Awstrija;

2. Fid-data ta' ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), is-soċjeta` su referita Ploutos Gmbh kienet daħħlet f'kuntratt ta' sħubija u kooperazzjoni li ġie estiża (franchise agreement) mas-soċjeta` intimata li

permezz tiegħu l-partijiet intrabtu reċiprokament sabiex ikun hemm drittijiet u obligazzjoni fis-sfera ta' online gaming (kopja tal-franchise agreement hawn anness u mmarkat bħala Dok B);

3. Ġara li s-soċjeta` Ploutos Gmbh kienet kostretta tittermina l-insemmi franchise agreement mas-soċjeta` konvenuta stante li l-kooperazzjoni ta' bejniethom kienet ser twassal għal problemi finanzjarji kbar għad-detriment tas-soċjeta` attriċi;

4. It-terminazzjoni su riferita kienet kostretta sseħħ stante li l-kumpannija konvenuta ma ottemporatx ruħha mal-Liġijiet tal-Malta Gaming Authority (MGA) rigwardanti Outsourcing by Authorised Persons u di piu' mar-rikjesti tal-Awtorita` tal-Logħob ġewwa l-Awstrija; dwar l-avviż mill-maġistrat ġewwa l-Awstrija).

5. Mingħajr preġudizzju għal dak suepost, is-soċjeta` Ploutos Gmbh inkorriet u kompliet tinkorri spejjeż kbar, rigwardanti investimenti, spejjeż ta' servizzi korporattivi fis-settur ta' sports betting, land based betting shops marketing u reklamar, riżultat ta' liema s-soċjeta` attriċi hija intitolata kumpens taħt l-Artiklu 24 tal-Liġi l-Awstrija tal-Aġenti Kummerċjali; l-istess spejjeż li issa llum il-ġurnata ġew assoċjati mal-kumpannija attriċi;

6. Inoltre, is-soċjeta` Ploutos inkorriet telf ta' flejjes kbar kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawża;

7. Nonostante kien hemm diversi laqgħat, kommunikazzjoni u vjaġġar lejn pajjiżi esteri sabiex ikun hemm interpellazzjoni fuq is-soċjeta` intimata sabiex tottempera ruħha mal-obbligazzjonijiet u r-regoli taħt l-entita` tal-Malta Gaming Authority (MGA) dwar l-Outsoursing by Authorized Persons, u kif ukoll l-obbligazzjoni taħt l-Artiklu 24 tal-Liġi Awstrija tal-Aġenti Kummerċjali; is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti fl-obbligazzjoni tagħha sabiex tirregola ruħha bħala Franchising Company;

8. Is-soċjeta` intimata kienet tilfet id-drittijijet sabiex tbiegħ il-bets ġewwa Vienna stante li ma kienux regolati b'liċenzja bil-konsegwenza li kull ħanut ġewwa Vienna appartenenti lil Ploutos kellu jagħlaq;

9. Di piu' s-soċjeta` intimata llum il-ġurnata qed tkompli tgawdi l-benefiċċji u 1-frott tax-xogħol kollu u l-ispejjeż li għamlet il-kumpannija Ploutos Gmbh matul iż-żmien biex ikkreat suq ta' distribuzzjoni u bejgħ ta' attivitajiet ta' online betting u klijenti;

10. B'hekk is-soċjeta` attriċi qiegħda ssofri danni kbar u inġenti u dan kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi s-soċjeta` intimata ma ottemporatx ruħha mal-ftehim ikkuntrattat fid-data ta' ħmistax (15) ta' Novembru 2013 (elfejn u tlettax) li kienet ġiet estiża;

2. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi s-soċjeta` intimata aġġixxiet b'manjiera abbużiv u illegali fil-konfront tas-soċjeta` Ploutos Gmbh li d-drittijiet, sehemiet u interessi kollha huma a kariga tas-soċjeta` attriċi u dan b'konsegwenza ta' liema s-soċjeta` Ploutos Gmbh kellha ttermina l-franchise agreement, ossia l-kuntratt ta' ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013);

3. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-kumpannija konvenuta għandha tikkumpensa lill-kumpannija attriċi minħabba li l-kumpannija konvenuta qed tkompli tgawdi l-benefiċċji u l-frott tax-xogħol kollu u l-ispejjeż li għamlet il-kumpannija Ploutos Gmbh matul iż-żmien biex ikkreat suq ta' distribuzzjoni u bejgħ ta' attivitajiet ta' online betting;

4. Tiddikjara u Tiddeċiedi li minħabba l-aġir abbużiv u illegali tas-soċjeta` intimata, s-soċjeta` rikorrenti u Ploutos soffriet u qiegħda ssoffri danni finanzjarji unikament attribwibbli għall-aġir tas-soċjeta` konvenuta.

5. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi s-soċjeta` konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta` rikorrenti, inklużi iżda mhux limitatament għal spejjeż inkorsi mis-soċjeta` rikkorenti, telf ta' dħul u profitti tal-istess soċjeta` rikorrenti kif ukoll l-arrikiment indebitu li s-soċjeta` intimata arrekat favuriha bl-aġir abbużiv tagħha;

6. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-soċjeta`' attriċi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

7. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi d-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjeta` Tipico Co. Ltd (numru ta' reġistrazzjoni 34286) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Preliminarjament, jidher li s-soċjeta' rikorrenti qiegħda tilmenta fuq l-allegat aġir tas-soċjeta' konvenuta fil-konfront ta' entita' terza u cioe' Ploutos GmH, bin-numru ta' reġistrazzjoni 310407G, li hija reġistrata ġewwa l-Awstrija ("Ploutos") u mhux fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti. Tant hu hekk, illi r-rikors u t-talbiet kif redatti huma sabiex din il-Qorti ssib responsabbilta' u tillikwida d-danni fir-rigward relazzjoni kuntrattwali bejn Ploutos u s-soċjeta' intimata li ġie mnissel mill-imsejjaħ 'Brokerage Agreement' (anness mar-rikors ġuramentat u mmarkat bħala Dok 'Tip 1'), u mhux bejn s-soċjeta` rikorrenti, Chadborn Holdings Ltd u s-soċjeta' konvenuta, Tipico Co. Ltd. Il-fatt li allegatament is-soċjeta' rikorrenti hija azzjonista fi Ploutos (m'hemm ebda prova ta' dan u għalhekk qiegħed jiġi kkontestat ukoll f'dan l-istadju) ma jagħti lir-rikorrenti odjerna l-ebda interess sabiex tressaq din l-azzjoni, liema azzjoni hija għal kollox legalment żbaljata. Illi

b'hekk is-soċjeta' rikorrenti m'għandha ebda raġuni sabiex tressaq u tipproċedi fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta u b'hekk konsegwentement is-soċjeta' konvenuta għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Ukoll preliminarjament mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi trid tipprova li tali soċjeta' hija fil-fatt l-unika azzjonista bid-drittijiet, sehmiet u interessi kollha tal-kumpanija Ploutos GmbH, kemm waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, kif ukoll fiż-żimien li sar il-ftehim bejn Ploutos GmbH u Tipico Co. Ltd, ħaġa li qed tiġi kkontestata f'dan l-istadju;

3. Ukoll preliminarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, is-soċjeta` konvenuta teċċipixxi n-nullita` tar-rikors ġuramentat ai termini tal-Artikoli 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu kif ġie redatt ir-rikors ġuramentat, dan ir-rikors ipoġġi lis-soċjeta' konvenuta fl-impossibilita' li tressaq difiża adegwata fuq il-mertu in kwantu ma huwa ċar propju xejn il-vertenzi jew allegat nuqqasijiet tas-soċjeta' konvenuta fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti billi il-kuntratt ossija "Brokerage Agreement" li tirreferri għalih is-soċjeta' rikorrenti kien bejn Ploutos u s-soċjeta' konvenuta u mhux mar-rikorrenti biex b'hekk ir-rikors ġuramentat huwa nieqes mir-rekwiżiti espressament meħtieġa fil-liġi taħt Artikolu 156(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attriċi ma tipprovdi assolutament xejn fuq l-oġġett tal-kawża sabiex isaħħaħ it-talbiet tagħha biex b'hekk, fiċ-ċirkostanzi, ma huwiex possibbli li s-soċjeta' konvenuta tiddetermina l-bażi tal-azzjoni (u allura l-eċċezzjonijiet u sussegwentement il-prova li trid titressaq) bir-riżultat illi huwa impossibbli li tissalvagwardja d-drittijiet tagħha u għalhekk tikkomporta n-nullita` tar-rikors promotur;

4. Ukoll preliminarjament mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta diġa' sabet li m'għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi l-vertenza fir-rigward il-"Brokerage Agreement" imsemmi fir-rikors ġuramentat bejn Ploutos u s-soċjeta` kovenuta stante l-lanjanzi mertu ta' din il-kawża joħorġu mill-ftehim hawn fuq imsemmi bejn Ploutos GmbH u Tipico Co. Ltd, liema ftehim jipprovdi testwalment illi "the place of jurisdiction of any disputes arising from this agreement is the registered office of the broker [Ploutos GmbH]' ,(klawżola 17), u cioe’ ġewwa l-Awstrija. Illi b'hekk, ai termini tal-Artikoli applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (il-'Brussels Regulation Recast), il-Qrati ġewwa 1-Awstrija għandhom ġurisdizzjoni esklussiva sabiex jieħdu konjizzjoni tat-tilwim bejn Ploutos u s-soċjeta' konvenuta u b'hekk il-konvenuta ġiet lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju permezz tas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet 'Ploutos GmbH vs. Tipico Co. Ltd' (referenza numru 320/ 2022) mhux appelata (hawn anness u mmarkat bħala Dok 'Tip 2'). Illi għalhekk, sa fejn din il-kawża tikkonċerna s-soċjeta’ rikorrenti u Ploutos, din diġa` għaddhiet in ġudikat u minnha ma tressaq l-ebda appell;

5. Subordinatament mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' rikorrenti konvenjentement fil-fatt naqset milli tiddikjara illi Ploutos diġa' ressqet kawża f'din il-Qorti diversament preseduta bl-istess premessi kelma b'kelma (enfasi miżjud) bħar-rikors odjern fl-ismijiet 'Ploutos GmbH vs. Tipico Co. Ltd (referenza numru 320/ 2022) (kopja tar-rikors ġuramentat hawn anness u mmarkat

bħala Dok 'Tip 2') abbażi tal-istess fatti u l-eżatt l-istess talbiet bħalma qed jiġu mressqa f'din il-kawża, u li fiha, l-Onorabbi Qorti tat sentenza parzjali fejn sabet li ma hemm ebda ġurisdizzjoni u b'hekk iddeċidiet favur s-soċjeta` konvenuta liema sentenza ma ġietx appellata. Barra din il-kawża hawn ċitata, is-soċjeta` rikorrenti ressqet ukoll żewġ kawżi oħra wkoll kontra s-soċjeta' konvenuta fl-ismijiet 'Av Rachel Tua noe vs Tipico Co. Ltd' (referenza numru 431/2017 MH) liema kawża hija pendent sentenza u 'Chadborn Holdings Ltd vs. Tipico Co. Ltd and Olivier Voigt (referenza numru 914/2019 RM) li ġiet ċeduta mis-soċjeta' rikorrenti fuq il-mertu. Illi b'hekk din il-kawża hija merament tentattiv ieħor vessatorju u mallizjuż sabiex tkisser u tħammeġ kemm in-negozju u r-reputazzjoni tas-soċjeta' konvenuta mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Dan l-abbuż mis-sistema ġudizzjarja ma huwa xejn għajr aġir kriminali;

6. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u subordinatament għall-eċċezzjoni preċedenti, it-talbiet attriti in kwantu si tratta ta' allegati danni minħabba t-terminazzjoni tal-ftehim ossija 'Brokerage Agreement', huma preskritti taħt il-liġi applikabbli u cioe' ai termini tal-Artikolu 24(5) Handelsvertretergesetz (HvertrG) (Austrian Commercial Representatives Act) biex b'hekk it-talbiet attriċi għandhom jiġi respinti bl-ispejjeż kif ser jiġi ampjament ippruvat;

7. In oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriti ibbażati fuq il-ftehim bejn Ploutos GmbH u s-soċjeta' konvenuta, huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li assolutament mhux minnu dak iddikjarat fir-rikors ġuramentat li s-soċjeta' konvenuta b'xi mod kisret id-diżpożizzjonijiet kuntrattwali. Illi di piu' dan il-ftehim mhuwiex wieħed ta' sħubija jew "Franchise Agreement" kif tallega s-soċjeta' attriti iżda ftehim ta' senserija ossija "Brokerage Agreement" taħt il-liġi applikabbli kif ser jiġi ampjament pruvat waqt dawn il-proċeduri;

8. Di piu' u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu li s-soċjeta' konvenuta ma "otteniporatx ruħha mal-Liġijiet tal-Malta Gaming Authority rigwardanti Outsourcing by Authorised Persons" (anness mar-rikors promotur) stante fl-ewwel lok dan id-dokument huwa se mai linji gwida maħruġa mill-awtorita' u mhux liġi iżda fi kwalunkwe każ ma japplikawx għall-każ in deżamina;

9. Bl-istess mod, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, t-talbiet extra-kuntrattwali bbażati fuq l-allegat arrikkiment minħabba Ploutos (mhux parti f'dawn il-proċeduri) huma wkoll għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li assolutament mhux minnu dak dikjarat fir-rikors ġuramentat billi s-soċjeta` konvenuta qatt ma aġixxiet b'mod abbużiv u/jew illegali kif ukoll billi mhu veru assolutament xejn illi s-soċjeta' konvenuta b'xi mod qed tgawdi xi benefiċċju frott tax-xogħol li għamlet is-soċjeta' attriti;

Rat l-atti tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Din il-kawża nfetħet minn Chadborn Holdings Ltd ("CH") – kumpannija rreġistrata ġewwa s-Seychelles – kontra Tipico Co Ltd ("T") għal danni minħabba allegat ksur kuntrattwali minn T f'kuntratt bejn T u Ploutos Gmbh ("P") - kumpannija rreġistrata fl-Awstrija. CH iddikjarat fir-rikors maħluf li "llum il-ġurnata" għandha d-drittijiet, ishma u interessi kollha ta' P.

Il-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza dwar l-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuta T. Fil-qosor, dawn huma:

1. Nuqqas ta' relazzjoni ġuridika għaliex P ikkuntrattat ma' T u mhux ma' CH. Hu rrilevanti jekk CH hi unika azzjonista ta' P.

2. Trid issir prova li CH hi unika azzjonista ta' P.

3. Nullita' ex-Art.789(1)(ċ) minħabba nuqqas ta' kjarezza fit-talbiet.

4. Din il-Qorti (diversament ippreseduta) diġa` sabet li m'għandhiex ġurisdizzjoni.

5. Hemm l-ostaklu tal-ġudikat.

Dawn l-eċċezzjonijiet huma kollha preliminari, iżda xorta waħda jqum il-kweżit dwar jekk hemmx xi ordni partikolari li fih għandhom jiġu ttrattati mill-Qorti.

Il-**Goubeau**[1] jidentifika erba' speċji ta' eċċezzjonijiet, li għandhom jiġu mressqa quddiem il-Qorti f'din l-ordni:

[1] Trattato delle Eccezioni in Materia di Procedura Civile, Versione Italiana di Angelo Lanzellotti Livellata sulle Leggi delle Due Sicilie 1827, Vol I, paġni 3-4.

(1) Dawk dwar ir-remissjoni jew deklinatorji;  ir-regoli u l-formalitajiet biex jiġi mneħħi t-tribunal adit, kemm minħabba nuqqas ta' kompetenza relattiva jew assoluta, litispendenza, jew konnessjoni ta' kawżi.

(2) Dawk dwar in-nullita`, jew eċċezzjonijiet perentorji tal-forma, iġifieri dawk li jeqirdu *ipso iure*, jew jimmiraw biex jeqirdu l-azzjoni (id-domanda) minħabba vizzji kemm relattivi, kif ukoll assoluti.

(3) Dawk dilatorji, li l-effettiv sospensiv tagħhom ġej direttament mil-liġi.

(4) Dawk perentorji tal-mertu: per eżempju: il-preskrizzjoni; il-ġudikat, it-tranżazzjoni, in-novazzjoni, il-konfużjoni, il-kompensazzjoni.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, isegwi li l-Qorti trid issegwi l-istess ordni meta tiġi biex tagħti s-sentenza tagħha. Għalkemm m'hemmx speċifikat fil-kodiċi tal-proċedura tagħna xi ordni partikolari li fih il-Qorti għandha taqta' l-eċċezzjonijiet preliminari, ir-raġuni u l-prudenza jindikaw li:

(1) L-eċċezzjonijiet deklinatorji jridu jiġu deċiżi **qabel kull eċċezzjoni oħra**, għaliex qabel jinġiebu r-raġunijiet kontra d-domanda, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit quddiem liema Qorti din kellha ssir.

(2) Wara d-deklinatorji, jiġu dawk tan-nullita` għaliex qabel jiġi ttrattat il-mertu jinħtieġ jiġi stabbilit jekk il-formalitajiet preskritti mil-liġi ġewx osservati.

(3) Id-dilatorji jiġu wara dawk tan-nullita`, għaliex, jekk jintalab terminu qabel tiġi ppronunzjata s-sentenza, jitqiesu rinunzjati l-eċċezzjonijiet dwar in-nullita` tal-forma.

(4) Fl-aħħarnett, l-eċċezzjonijiet perentorji tal-mertu għandhom jiġu ttrattati wara dawk dilatorji, għaliex f'eċċezzjonijiet bħal dawn ma jkunx hemm iktar lok li jintalbu t-termini. Ikun kontradittorju li titlob fl-istess nifs li l-azzjoni tiġi meqruda fl-istess waqt li titlob it-terminu, f'liema każ tkun qed tagħraf l-eżistenza tal-azzjoni.

Għalhekk, l-ewwel li għandha tiġi ttrattata hija r-rabà[2] eċċezzjoni.

Skont Art. 742(1) tal-Kap. 12, f'każ ta' konflitt bejn id-disposizzjonijiet tal-liġi Maltija u r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropeja, dawn tal-aħħar għandhom jipprevalu. Fost dawn ir-Regolamenti hemm il-*Brussels I (Recast) Regulation.* Art. 25 tiegħu jgħid li meta l-partijiet f'kuntratt jiftiehmu dwar liema Qorti jkollha ġurisdizzjoni biex taqta' tilwima bejniethom, dik il-Qorti għandu jkollha l-ġurisdizzjoni basta l-kuntratt ikun sostanzjalment validu f'dik il-ġurisdizzjoni.

Indipendentement mill-imsemmi Regolament, u ferm qabel ma nħolqot l-Unjoni Ewropeja, dawn il-Qrati dejjem qiesu validu, b'ċerti limiti u kundizzjonijiet, il-patt derogatorju għall-kompetenza territorjali.[3]

---

[2] B'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Jannar 2025 il-kliem "it-tieni eċċezzjoni" inbidlu għal "ir-rabà eċċezzjoni"
[3] Paul Portelli v. Joseph Portanier Mifsud XL.iii.1226 Qorti tal-Kummerċ (Onor. Imħ. Tancred Gouder)

Mhux ikkontestat li fil-kuntratt mertu ta' din il-kawża, hemm il-patt derogatorju għall-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati.

Stabbilit dan, il-Qorti jkollha tieqaf hawn. In-nuqqas ta' ġurisdizzjoni jfisser li m'għandhiex il-*vires* li tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn imqanqla mis-soċjeta` konvenuta.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-tieni[4] eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta u tiddikjara ruħha mhux kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża.

Spejjeż a kariku tal-attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA

---

[4] B'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Jannar 2025 il-kliem "it-tieni eċċezzjoni" inbidlu għal "ir-rabà eċċezzjoni"